Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-003553/2017
lill-Kummissjoni
Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura
Roberta Metsola (PPE)

Suġġett: Tikkettar tal-prodotti tal-ikel

L-Italja adottat liġi li tirrikjedi t-tikkettar ċar tal-prodotti tal-ħalib Taljani bil-post ta' oriġini u l-ingredjenti tagħhom. Il-leġiżlazzjoni tapplika għall-ħalib prodott minn kwalunkwe annimal; Il-prodotti issa jeħtieġ li jkollhom tikketti ċari u li jinqraw, fejn ikun indikat il-pajjiż li fih ikun seħħ it-taħlib u l-ipproċessar sussegwenti.

Il-liġi għaddiet ukoll biex tati seħħ għar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi.

Tista' l-Kummissjoni tipprovdi aġġornament dwar liema Stati Membri taw seħħ għar-Regolament (UE) Nru 1169/2011?